

II

(*Atti mhux leġiżlattivi*)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/937

tal-10 ta' Mejju 2023

li jikkoreġi r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2017/2470 fir-rigward tal-inklużjoni tal-in“fosfat tad-diammid iffosfata prodott mil-lamtu tal-qamħ” fil-lista tal-Unjoni tal-ikel il-ġdid

(*Test b'rilevanza għaż-ŻEE*)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar il-ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 (¹), u b'mod partikolari, l-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, sal-1 ta' Jannar 2018 il-Kummissjoni kellha tistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel il-ġdid awtorizzat jew innotifikat skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (²).
- (2) Il-lista tal-Unjoni tal-ikel il-ġdid awtorizzat jew innotifikat skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 ġiet stabbilita bir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 (³).
- (3) Il-Kummissjoni identifikat żball fl-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2017/2470. Biex ikun hemm ċarezza u ċertezza legali għall-operaturi tan-negozji tal-ikel u għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, u b'hekk ikun hemm lok għall-implementazzjoni u għall-użu kif suppost tal-lista tal-Unjoni tal-ikel il-ġdid, tenhtieq korrezzjoni.
- (4) L-ikel il-ġdid “Fosfat tad-diammid iffosfata prodott mil-lamtu tal-qamħ” (lamtu tal-qamħ iffosfata) ġie awtorizzat taħbi ġerti kundizzjonijiet tal-użu mill-awtorità kompetenti tar-Renju Unit f'Mejju 2014 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 258/97. Meta ġiet stabbilita l-lista oriġinali tal-Unjoni, l-ikel il-ġdid tħalla barra minnha bi żball. Għalhekk jixraq li l-“Fosfat tad-diammid iffosfata prodott mil-lamtu tal-qamħ” jiżdied mal-lista tal-Unjoni tal-ikel il-ġdid.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi kkoreġut.

(¹) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

(²) Ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid (ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1).

(³) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel il-ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2017/2470 huwa kkoreġut f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Mejju 2023.

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*

ANNESS

L-Anness tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2017/2470 huwa kkoreġut kif ġej:

(a) fit-Tabella 1 (L-ikel il-ġdid awtorizzat), tiddaħħal l-entrata li ġejja bejn l-entrata tal-“Lamtu tal-qamħirrum iffosfatat” u l-entrata tal-“Fosfatidilserina mill-fosfolipidi tal-ħut”:

“Lamtu tal-qamħ iffosfatat	<i>Kategorija tal-ikel speċifikat</i>	<i>Livelli massimi</i>	
Prodotti tal-furnara moħmija		15 %	Id-denominazzjoni tal-ikel il-ġdid fuq it-tikketti tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandha tkun ‘Lamtu tal-qamħ iffosfatat’.
Għaġin			
Ċereali għall-kolazzjon			
Bars taċ-ċereali			

(b) fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet), tiddaħħal l-entrata li ġejja bejn l-entrata tal-“lamtu tal-qamħirrum iffosfatat” u l-entrata tal-“Fosfatidilserina mill-fosfolipidi tal-ħut”:

“Lamtu tal-qamħ iffosfatat	Deskrizzjoni: Il-fosfat tad-diammid iffosfatat prodott mil-lamtu tal-qamħ (lamtu tal-qamħ iffosfatat) huwa lamtu reżistenti immodifikat kimikament idderivat mil-lamtu tal-qamħ billi jiġu kkombinati trattamenti kimiċi biex jinħolqu ħoloq inkroċjati tal-fosfat fil-molekuli individwali tal-lamtu u bejniethom. L-ingredjent il-ġdid tal-ikel huwa trab ġieri abjad jew kważi abjad.		
	Karatteristiċi/Kompożizzjoni: Nru CAS: 11120-02-8 Formula kimika: $(C_6H_{10}O_5)_n [(C_6H_9O_5)_2PO_2H]_x [(C_6H_9O_5)PO_3H_2]_y$ n = għadd ta' unitajiet ta' glukożju; x, y = gradi ta' sostituzzjoni		
	Parametru	Forma ta' trab 1	Forma ta' trab 2
	Fosfat tad-Diammid Iffosfatat (Bażi niexfa)	≥ 85 %	≥ 75 %
	Lamtu tal-qamħ mhux immodifikat (niexef)	≤ 15 %	≤ 25 %
	Indewwa	9-12 %	
	Fibra totali (materja niexfa)	≥ 76,0 %	≥ 66,0 %
	Irmied		≤ 3 %
	Proteina		≤ 0,5 %

Xaħam totali	≤ 0,50 %	≤ 0,34 %
Fosfru residwu marbut		≤ 0,4 % (fl-għamla ta' fosfru)
pH (25 % sospensjoni magħquda)		4,5/6,5
Metalli tqal:		
Arseniku: ≤ 1 mg/kg Ċomb: ≤ 2 mg/kg Merkurju: ≤ 0,1 mg/kg		
Kriterji mikrobijoloġiċi: Għadd totali tal-batterji aerobiċi vijabbi: ≤ 10^4 CFU/g Għadd totali tal-ħimira u tal-moffa: ≤ 200 CFU/g <i>Escherichia coli</i> : Test negattiv <i>Salmonella</i> spp.: Test negattiv CFU: Unitajiet li jiffurmaw il-kolonji".		